MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

Rikors Maħluf Numru 1151/2017 LM

**Gasan Enterprises Limited (C 467)**

***vs.***

**L-Avukat Dr Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Madeline Firman li b'digriet tad-19 ta' Jannar, 2018 inħatru bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Anna Satariano (ID 68163A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-21 ta' Diċembru, 2017 mis-soċjetà attriċi **Gasan Enterprises Limited** (C 467) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Stefan Deguara (ID 300979M), li jgħid kif ġej:

*ILLI:*

1. *Fit-30 ta' Diċembru, 2011, il-kumpannija rikorrenti biegħet vettura, Ford Fiesta TI 3DR 1.4D AW bin-numru ta' identifikazzjoni ('VIN') WF0GXXGAJGBY11239 (il-*

*"Vettura") lil Anna Satariano għall-prezz kumplessiv ta' €20,970.28 (ara t-tieni paġna tal-ftehim anness u mmarkat bħala Dok. "GEL 1");*

2. *Skont il-kundizzjonijiet maqbula, il-konvenuta kellha tħallas bin-nifs fuq medda ta' erbgħa u tmenin (84) xahar. Il-konvenuta ffirmat erbgħa u tmenin (84) kambjala favur il-kumpannija rikorrenti fejn tlieta u tmenin (83) minnhom għandhom valur ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) u waħda (1) għandha valur ta' mitejn u għoxrin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€220.28);*

3. *Sad-data ta' dan ir-rikors, il-konvenuta ħallset biss tliet elef Euro (€3,000), bl-aħħar pagament li sar f'Settembru 2013 (ara r-rendikont ta' ħlasijiet anness bħala Dok. "GEL2" (A)). Minkejja d-diversi attentati biex il-kumpannija tipprova tiġbor il-pendenzi, il-konvenuta xorta waħda baqgħet ma ħallsitx;*

4. *Sa Lulju 2014, suppost kienet għamlet wieħed u tletin pagament ta' €250 meta fil-fatt kienet għamlet biss l-ekwivalenti ta' tnax-il pagament (peress illi kien hemm tliet pagamenti b'valur ta' €200, €100 u €200 rispettivament, kif inhu evidenti mid-dokument Dok. "GEL2" fejn hemm il-pagamenti indikati). F'ċirka Lulju/Awwissu 2014, il-konvenuta rritornat il-vettura lura lill-kumpannija rikorrenti mingħajr ma ffirmat il-log book biex il-vettura tkun tista' tiġi ttrasferita lura f'isem l-istess kumpannija;*

5. *Meta l-konvenuta rritornat il-vettura, il-ħsieb tagħha kien illi ma jkollha xejn aktar x'taqsam mal-kumpannija rikorrenti iżda dan ma kienx il-każ min-naħa tal-kumpannija. Apparti l-fatt illi ma kinitx iffirmat il-log book u, allura l-vettura ma tistax tintuża, kien hemm numru ta' kambjali li ma ġewx onorati mill-konvenuta, il-valur tal-vettura kien inqas mill-bilanċ dovut mingħand il-konvenuta u l-konvenuta kellha tħallas id-differenza;*

6. *Il-kumpanija rikorrenti ppruvat tasal għal ftehim mal-konvenuta fejn il-Vettura tiġi trasferita lura lill-kumpanija u hi tkompli tħallas biss id-differenza bejn il-valur tal-vettura u l-bilanċ. Mhux talli l-konvenuta baqgħet inadempjenti, iżda missierha kien informa lill-kumpannija rikorrenti li telqet minn Malta u ma nfurmatx fejn qed toqgħod (ara kopja tal-ittra uffiċjali 3517/14 fejn hemm ukoll risposta ta' missier il-konvenuta anness bħala Dok. "GEL 3");*

7. *Il-kumpannija rikorrenti kienet ippruvat tinnotifika lill-konvenuta barra minn Malta wkoll iżda, peress illi ma kellhiex informazzjoni dwar fejn kienet qed toqgħod, dan kien kollu għalxejn (ara kopja tal-ittra uffiċjali 4025/14 fejn hemm b'kopji tar-riferti annessi bħala Dok. "GEL 4");*

8. *Sad-data ta' dan ir-rikors il-bilanċ pendenti huwa ta' għoxrin elf u wieħed u sittin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€20,061.29) magħmul minn:*

*A. €15,932.32 kapital ("GEL 2" (C));*

*B. €3,614.65 interessi ("GEL 2" (B));*

*C. €514.32 spejjeż legali (inkl. VAT) (ara kopja tat-taxxi għall-ispejjeż fuq l-ittri uffiċjali annessi u mmarkati bħala Dok. "GEL 5"); u*

9. *Il-vettura għadha rreġistrata f'isem il-konvenuta u, biex tnaqqas mit-telf li qiegħda ssofri, il-kumpannija rikorrenti tixtieq li l-vettura tiġi rreġistrata f'isimha u li jitħallsu l-pendenzi mal-Awtorità tat-Trasport mill-konvenuta;*

10. *Peress illi l-konvenuta ma tgħix f'Malta u mhux magħruf fejn qed toqgħod, qed jiġi intavolat, flimkien ma' dan ir-rikors, rikors ieħor għall-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil Anna Satariano f'dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant, tgħid il-konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex (prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa):*

i. *Tiddikjara illi l-vettura hija proprjetà tal-kumpannija skont il-liġi u skont il-ftehim bejn il-partijiet;*

ii. *In vista tal-ewwel talba, tordna li jsir il-bdil neċessarju fid-dettalji tal-log book tal-vettura sabiex il-vettura tiġi reġistrata f'isem il-kumpannija rikorrenti minflok f'isem l-intimata;*

iii. *Tordna lill-konvenuta jew lill-kuratur deputat sabiex jagħmel dawk l-atti kollha meħtieġa u jidher sabiex jiġi effettwat il-bdil mitlub fit-tieni talba;*

iv. *Tiddikjara li l-kumpannija rikorrenti hija kreditriċi tal-intimata fis-somma ta' għoxrin elf u wieħed u sittin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€20,061.29);*

v. *Tillikwida l-valur tal-vettura u tordna lill-konvenuta tħallas id-differenza li tirriżulta bejn il-valur tal-vettura, kif stabbilit, u l-ammont dovut lill-kumpannija rikorrenti skont ir-raba' talba.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi legali.*

*B'riserva ta' kull dritt u rimedju inkluż għal danni li għadhom qed jiġu kkawżati.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-Avukat Christopher Chircop (Karta tal-identità numru 197289M) u l-Prokuratur Legali Madeline Firman (Karta tal-identità

numru 478751M) li f'dawn il-proċeduri qeg jirrappreżentaw lill-konvenuta assenti **Anna Satariano** (ID 68163A) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Frar, 2018, u maħlufa minnhom stess, li biha eċċepew:

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jiddikjaraw li għadhom mhumiex edotti mill-fatti tal-każ u għaldaqstant qed JIRRISERVAW ID-DRITT li jippreżentaw risposta ulterjuri motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti u dan sabiex ikunu jistgħu jressqu l-aħjar difiża għall-assenti;*

*2. Illi dwar il-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat illi huma r-rikorrenti li għandhom il-piż tal-prova u ċioe illi jridu jkunu r-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnhom jikkonvinċu lil din l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qegħdin jagħmlu fil-konfront tal-intimata huma infondati;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna ġiet istitwita mis-soċjetà attriċi wara li lura fit-30 ta' Diċembru, 2011, din kienet biegħet vettura tal-għamla Ford Fiesta lill-konvenuta, għall-prezz komplessiv ta' għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€20,970.28). Dan l-ammont jirrappreżenta l-prezz tax-xiri tal-vettura u l-imgħaxijiet li l-konvenuta kellha tħallas lis-soċjetà attriċi bin-nifs permezz ta' kambjali fuq medda ta' erbgħa u tmenin (84) xahar. Irriżulta li l-konvenuta waqgħet lura fil-pagamenti, tant li f'Lulju tal-2014, fi żmien li fih suppost kienu tħallsu wieħed u tletin (31) kambjala, fil-verità kienu tħallsu tnax (12)-il kambjala biss. Missier il-konvenuta rritorna l-vettura u ċ-ċwievet lura lis-soċjetà attriċi stante li l-konvenuta kienet telqet minn Malta. Ġara wkoll li minkejja li l-vettura ġiet ritornata, il-*log book* tagħha ma ġiex iffirmat għat-trasferiment tagħha, u għalhekk minkejja li llum is-soċjetà attriċi għandha ċ-ċwievet tal-vettura inkwistjoni f'idejha, din ma tistax tintuża jew addirittura terġa' tinbiegħ minħabba li l-*log book* tagħha mhux iffirmat. Is-soċjetà attriċi ssostni li hija sfat ippreġudikata wkoll għax filwaqt li għadd ta' kambjali ma ġewx onorati, il-valur tal-vettura niżel, u għalhekk il-konvenuta għandha tħallas id-differenza fil-valur. Irriżulta wkoll li fuq il-vettura hemm għadd ta' liċenzji kif ukoll ċitazzjonijiet mhux imħallsin.

Permezz ta' din il-proċedura, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob li l-Qorti tiddikjara li l-vettura inkwistjoni hija proprjetà tas-soċjetà attriċi skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, tordna li jsir it-tibdil neċessarju fid-dettalji tal-*log book* sabiex il-vettura tiġi rreġistrata f'isem is-soċjetà attriċi, tordna lill-kuraturi deputati jagħmlu dawk l-atti kollha meħtieġa sabiex jiġi effettwat it-tibdil mitlub, tiddikjara li l-konvenuta hi debitriċi tas-soċjetà attriċi, u tillikwida

l-valur tal-vettura u tordna lill-konvenuta tħallas id-differenza li tirriżulta bejn il-valur tal-vettura kif stabbilit, u l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

**Provi u riżultanzi**

Is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-ftehim li permezz tiegħu hija biegħet il-vettura tal-għamla Ford Fiesta lill-konvenuta, bil-prezz ta' sittax-il elf, u seba' mitt Euro (€16,700).[1] Dan il-ftehim jistipula, fil-klawsola numru 3.1 tiegħu illi,

> *"The vehicle shall remain the absolute and sole property of the Company until all payments due under this Agreement have been duly effected. Accordingly, the Customer shall not sell or lose effective control or in any other way dispose of the Vehicle or otherwise export from the Islands of Malta even temporarily the Vehicle without the prior consent of the Company, which consent may be withheld by the company at its sole discretion until such time as ownership shall vest in the Customer in accordance with the provisions of this agreement."*

Ġiet esebita wkoll kopja ta' *statement* maħruġ fl-24 ta' Ottubru, 2017, bl-ammonti dovuti mill-konvenuta lis-soċjetà attriċi skont il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet wara li l-konvenuta naqset milli tonora l-obbligi tagħha.[2] Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenuta fit-3 ta' Novembru, 2014, u li permezz tagħha din ġiet interpellata tersaq għall-ħlas tal-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi.[3] Ġiet esebita ukoll kopja tal-inkartament b'rabta mal-ħatra tal-avukat Christopher Chircop u tal-PL

[1] Kopja tal-ftehim imsejjaħ '*Sale with Reserved Ownership Agreement*'.
[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 10 *et seq* tal-proċess.

Madeline Firman bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta, assenti minn dawn il-gżejjer.[4]

Is-soċjetà attriċi ippreżentat l-*affidavit* ta' **Anne Marie Schembri**[5], li taħdem fil-*Credit Control Department* ta' GasanZammit Motors Limited, u li tieħu ħsieb ukoll tiġbor flejjes dovuti lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud spjegat li l-konvenuta Anna Satariano kienet xtrat vettura tal-għamla Ford Fiesta TI 3DR 1.4D mingħand is-soċjetà attriċi, fit-30 ta' Diċembru 2011, għall-prezz ta' €20,970.28, u skont il-ftehim bejn il-partijiet dan l-ammont kellu jitħallas bin-nifs, fuq medda ta' erbgħa u tmenin (84) xahar b'pagamenti ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) kull darba, ħlief għall-aħħar pagament li kellu jkun mitejn u għoxrin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€220.28). Qalet li wara li sar it-tielet pagament, il-konvenuta bdiet tonqos milli tonora l-obbligi tagħha fil-konfront tas-soċjetà attriċi, tant li qabżet xi pagamenti, u lejn l-aħħar tal-2012 il-pagamenti bdew isiru b'mod aktar sporadiku. Ix-xhud qalet li fl-2013, minn total ta' tlett elef Euro (€3,000) li l-konvenuta kienet qablet li tħallas lis-soċjetà attriċi, ħallset biss l-ammont ta' tmien mitt Euro (€800). Kompliet tgħid li wara diversi tentattivi sabiex isir kuntatt mal-konvenuta, kien missierha li informa lis-soċjetà attriċi li Anna Satariano ma kinitx għadha tirrisjedi f'Malta, u kien talabhom ukoll jiġbru l-vettura u jaċċettawha *in full and final settlement.* Ix-xhud qalet li dan l-arranġament ma kienx ġie aċċettat mis-soċjetà attriċi minħabba li l-vettura kienet użata, u kien għad baqa' ammont sostanzjali x'jitħallas fuqha. Ix-xhud qalet li missier il-konvenuta kien rritorna l-vettura lis-soċjetà attriċi, iżda mingħajr ma ffirma l-*log book,* u kien qal li biex jiffirma l-*log book*, il-vettura kellha tiġi aċċettata mis-soċjetà attriċi *in full and final*

[4] *A fol.* 54 tal-proċess.
[5] *A fol.* 114 tal-proċess.

*settlement.* Ix-xhud ikkonkludiet li minkejja d-diversi tentattivi li saru sabiex jiġi stabbilit kuntatt mal-konvenuta, dan kien kollu ta' xejn, u la l-konvenuta u lanqas missierha ma għamlu kuntatt mas-soċjetà attriċi minn dak iż-żmien.

Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja tal-*log book* tal-vettura inkwistjoni[6], estratt mis-sit ta' Transport Malta li jindika l-multi li hemm pendenti fuq il-vettura[7], estratt ieħor mis-sit ta' Transport Malta li jindika l-pendenzi fuq il-liċenzji tal-vettura inkwistjoni u pendenzi marbuta mal-multi li jridu jitħallsu[8], kif ukoll estratt mis-sit ta' Transport Malta b'lista ta' pendenzi u dettalji relatati mal-multi fuq il-vettura inkwistjoni.

Fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018 xehed **Stephen Cachia**[9], rappreżentant ta' Transport Malta, li qal li l-liċenzja tal-vettura mertu ta' din il-kawża skadiet fit-30 ta' Novembru, 2013, filwaqt li hemm €418.13 kontravenzjonijiet pendenti fuq il-vettura, liċenzji b'lura li jammontaw għal €674 u €100 *late payment fee* in vista tal-fatt li l-liċenzji ma tħallsux.

Fl-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Anne Marie Schembri**[10], li qalet li l-vettura inkwistjoni ġiet ritornata lura lis-soċjetà attriċi fl-2014, għalkemm ma setgħetx tgħid f'liema xahar ġara dan. Qalet li l-vettura ttieħdet għand is-soċjetà attriċi minn missier il-konvenuta, u li kien għalhekk li s-soċjetà attriċi kellha taċċetta li żżomm din il-vettura. Qalet ukoll li minkejja li saru diversi tentattivi ma' missier il-konvenuta biex dan jiffirma l-*log book,* dan

[6] *A fol.* 118 tal-proċess.
[7] *A fol.* 120 tal-proċess.
[8] *A fol.* 121 tal-proċess.
[9] *A fol.* 125 tal-proċess.
[10] *A fol.* 136 tal-proċess.

baqa' qatt ma sar, u għalhekk il-vettura baqgħet ipparkjata fil-garaxx tas-soċjetà attriċi.

Fl-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018, sar il-kontroeżami ta' **Stefan Deguara**[11], li qal li s-soċjetà attriċi ma kellhiex rekord tad-data li fiha l-vettura inkwistjoni ġiet ritornata lura. Qal ukoll li l-vettura ġiet imħollija fil-garaxx tas-soċjetà attriċi mingħajr ma saret il-proċedura biex din tiġi trasferita lura. Qal illi da parti ta' missier il-konvenuta, dan ried li l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi jintemmu mar-ritorn tal-vettura, xi ħaġa li qatt ma ġiet aċċettata mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud reġa' ta d-depożizzjoni tiegħu fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru, 2018 fejn ikkonferma li ċ-ċwievet tal-vettura jinsabu fiha, u fil-pussess tas-soċjetà attriċi, għalkemm il-*log book* għadu mhux iffirmat mill-konvenuta. Qal ukoll li l-vettura fil-preżent għandha valur ta' madwar elfejn Euro (€2,000).

## Konsiderazzjonijiet legali

Mill-provi miġjuba għall-konsiderazzjoni tal-Qorti, jirriżulta li l-konvenuta kienet intrabtet b'kuntratt ta' *hire-purchase* meta xtrat il-vettura minn għand is-soċjetà attriċi, fejn kienet ftiehmet li ser tħallas l-ammont kollu dovut bin-nifs, għalkemm għal xi raġuni din waqgħet lura fil-pagamenti sakemm eventwalment waqfet kompletament tħallas dak li kien dovut minnha. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita l-verżjoni tal-fatti mogħtija mis-soċjetà attriċi, minn fejn jirriżulta li meta din ippruvat tasal f'arranġamenti mal-konvenuta, din kienet laħqet telqet minn Malta, u kien missierha li ħa ħsieb li jirritorna l-

[11] *A fol*. 140 tal-proċess.

vettura lura għand is-soċjetà attriċi, għalkemm dan ppretenda li l-*log book* għat-trasferiment tal-vettura lura lis-soċjetà attriċi jiffirmah biss jekk b'dan il-mod ikun qiegħed jissalda l-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi fil-konfront tal-konvenuta, liema proposta ma kinitx aċċettabbli għas-soċjetà attriċi. Dan wassal biex minkejja li l-vettura u ċ-ċwievet tagħha jinsabu f'garaxx proprjetà tas-soċjetà attriċi, din m'għandhiex il-pussess effettiv tal-imsemmija vettura, li għall-finijiet kollha tal-liġi għadha ssejjaħ lill-konvenuta.

Il-konvenuta min-naħa tagħha ma ressqet ebda provi f'dawn il-proċeduri, għalkemm ġie sottomess mill-avukat difensuri tagħha, li meta l-vettura ġiet ritornata lura lis-soċjetà attriċi fis-sena 2014, din kienet aċċettat il-vettura u kienet żammitha fil-pussess tagħha, u din bl-ebda mod ma interpellat lill-konvenuta biex terġa' tieħu lura l-vettura mill-pussess tagħha. Ġie sottomess ukoll li l-valur tal-vettura għandu jiġi ffissat mhux skont il-valur tagħha fis-suq illum, iżda skont kif kien dakinhar li l-vettura ġiet ritornata lura għand is-soċjetà attriċi.

Mill-provi jirriżulta li minkejja li l-proċedura odjerna ġiet intavolata aktar minn sentejn wara li l-vettura ġiet ritornata lura lis-soċjetà attriċi, madanakollu jidher ċar li s-soċjetà attriċi ilha snin tittenta tinnotifika lill-konvenuta b'ittri uffiċjali u b'atti ġudizzjarji, tant li meta l-ebda mezz proċedurali għan-notifika tal-konvenuta ma rnexxa in vista tal-fatt li din kienet telqet minn Malta, kellhom jinbdew proċeduri għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentawha fl-assenza tagħha minn Malta. Għaldaqstant m'għandhiex mis-sewwa s-sottomissjoni tal-avukat difensur tal-konvenuta li tgħid li dawn il-proċeduri nbdew aktar minn sentejn wara li l-vettura ġiet ritornata, stante li jirriżulta bl-aktar mod ċar li s-soċjetà attriċi qatt m'aċċettat li tieħu l-vettura

mingħajr ma tirkupra l-flejjes dovuti fuqha mill-konvenuta, u fil-frattemp kienet qiegħda tagħmel dak kollu meħtieġ sabiex tinterpella lill-konvenuta biex tersaq għat-twettiq tal-obbligi pattwiti minnha.

Mill-ftehim ikkontrattat bejn il-partijiet jirriżulta b'mod ċar li l-vettura inkwistjoni baqgħet proprjetà tas-soċjetà attriċi sakemm din tiġi mħallsa fl-intier tagħha. Il-Qorti fehmet li minkejja li l-vettura inkwistjoni tinsab fil-pussess tas-soċjetà attriċi, dan il-pussess huwa wieħed ineffettiv stante li d-dettalji fuq il-*log book* relattiv huma dawk tal-konvenuta, u għalhekk hemm il-ħtieġa li dawn jinbidlu sabiex is-soċjetà attriċi jkollha pussess effettiv tal-vettura, u tkun tista' tirreġistraha f'isimha.

Mill-provi jirriżulta li l-konvenuta ħallset l-ammont ta' tliet elef Euro (€3,000) mis-somma li kienet obbligata tħallas lis-soċjetà attriċiri, b'dan illi bejn kapital u imgħaxijiet dovuti kien għad fadal bilanċ ta' €19,546.97 sad-data tal-24 ta' Ottubru, 2017[12], prattikament ftit tal-ġranet qabel inbdew dawn il-proċeduri.[13] Jirriżulta wkoll li llum il-ġurnata li l-vettura inkwistjoni għandha valur fis-suq ta' elfejn Euro (€2,000)[14], u għalhekk dan l-ammont irid jitnaqqas mill-bilanċ dovut mill-konvenuta fuq il-kapital, sabiex b'hekk din għandha tħallas bilanċ ta' €17,546.97 lis-soċjetà attriċi. Jirriżulta wkoll li qabel din il-vettura tkun tista' tinħareġ fit-triq, għad iridu jitħallsu pendenzi ma' Transport Malta fir-rigward tal-liċenzji mhux imħallsa fuq numru ta' snin, kif ukoll il-multi għall-kontravvenzjonijiet imwettqa b'din il-vettura, li wkoll għadhom ma tħallsux u li jammontaw komplessivament għal €1,192.13, kif jirriżulta mix-xhieda li ta r-rappreżentant ta' Transport Malta.

[12] €15,932.32 kapital u €3,614.65 imgħaxijiet.
[13] *A fol.* 9 tal-proċess.
[14] Xhieda ta' Stefan Deguara.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

2. **Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi, u tiddikjara illi l-vettura tal-għamla Ford Fiesta TI 3DR 1.4D AW (numru ta' identifikazzjoni WFOGXXGAJGBY11239) hija proprjetà tas-soċjetà attriċi u konsegwentement tordna li fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data ta' din is-sentenza jsir it-tibdil neċessarju fuq il-*log book* tal-istess vettura sabiex din tkun tista' tiġi rreġistrata f'isem is-soċjetà attriċi;**

3. **Tordna lill-konvenuta tersaq għall-iffirmar ta' dawk id-dokumenti kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment effettiv tal-vettura f'isem is-soċjetà attriċi, u fin-nuqqas tagħha għandu jagħmel dan il-kuratur deputat l-avukat Christopher Chircop;**

4. **Tiddikjara li s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenuta fis-somma ta' tmintax-il elf, seba' mija u disgħa u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€18,739.10), rappreżentanti l-kapital u l-imgħaxijiet (€17,546.97) li għadhom dovuta fuq il-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll arretrati ta' liċenzji u kontavenzjonijiet (€1,192.13), li s-soċjetà attriċi ikollha tħallas biex toħroġ l-imsemmija vettura fit-triq.**

5. **Tordna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmintax-il elf, seba' mija u disgħa u tletin Euro u għaxar ċenteżmi (€18,739.10).**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta.**

Moqrija.